MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 1039/2014

**Kumpilazzjoni Numru: 1039/14**

**Illum, 2 ta' Frar, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmijin Clivert Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 335496(M) u Denzel Jaydn Saliba detentur tal-karta tal-identita` numru 208894(M).

Clivert Borg akkuzat talli nhar it-13 ta' Marzu 2014 ghall-habta ta' 16.30pm, gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' George Farrugia f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr Lorna Attard, detentrici ta' numru tar-registru mediku 3458.

Denzel Jaydn Saliba akkuzat talli nhar it-13 ta' Marzu 2014 ghall-habta ta' 16.30pm, gewwa San Giljan:

1. Xjentement ghen jew assista lil Clivert Borg sabiex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' George Farrugia f'periklu car, ikkaguna lill-istess George Farrugia hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 216(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante li ma nstabu l-ebda provi kontra l-imputati din il-Qorti ma tistax issib l-ebda htija u ghalhekk ma ssibx lill-imputati Clivert Borg u Denzel Jaydn Saliba hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------